# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' FRAR, 2023.**

**Rik. Ġur. nru. 502/16 RGM**

**Dr Josette Sultana bħala mandatarja speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Mohammad Imad Raouf u Iman Salim u b'digriet tal-14 ta' April, 2022 l-atti ġew trasfużi f'isem Iman Salim Daoud Khamis u Ayman Mohammad Imad Raouf stante l-mewt ta' Mohammad Imad Raouf.**

**Vs**

**MPM Capital Investments Limited**

**Il-Qorti:**

*Dan huwa digriet dwar rikors imressaq mis-soċjeta' konvenuta MPM Capital Investments Limited fil-21 ta' Diċembru, 2022 li permezz tiegħu talbet permess speċjali a tenur tad-*disposizzjonijiet tal-Artikolu 229 (3) tal-Kap 12* tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tinterponi appell minn digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru, 2022 li permezz tiegħu ċaħdet talba tas-soċjeta' konvenuta sabiex jiġu sfilzati affidavit, traskrizzjoni ta' xhieda u provi dokumentarji tal-attur illi miet fil-mori tal-kawża meta l-kontro eżami tiegħu ma kienx għadu ġie konkuż.*

**Preliminari**.

1. Permezz ta' rikors tas-27 ta' Settembru 2022 is-soċjeta' konvenuta kienet talbet lill-Qorti tqis inammissibbli x-xhieda ġuramentata tal-attur Mohammad Imad Raouf u kwalunkwe dokumentazzjoni preżentata minnu f'dawn il-proċeduri u tisfilza mill-atti proċesswali x-xhieda kollha tal-attur kif ukoll kwalsiasi referenza għaliha fl-atti proċesswali u dan wara li ppremettiet illi għal diversi raġunijiet mhux tort tagħha hija kienet prekluża milli tikkonduċi l-kontro eżami tal-attur peress li fil-mori tal-kawża ġie nieqes.

2. B'digriet mogħti fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2022 dik it-talba ġiet miċħuda.

3. B'rikors tal-21 ta' Diċembru, 2022 is-soċjeta' konvenuta, filwaqt li irreferit għall-artikolu 229 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talbet, għar-raġunijiet hemm mogħtija, permess speċjali sabiex tkun tista' tinterponi appell mill-imsemmi diġriet.

4. Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro parti b'erbat ijiem utili għar-risposta filwaqt li appuntat ir-rikors għas-smiegħ għas-seduta tal-25 ta' Jannar, 2023.

5. L-attriċi nomine ippreżentat ir-risposta tagħha fis-16 ta' Jannar, 2023 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għall-imsemmi rikors.

6. Wara li fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2023 il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, ħalliet ir-rikors tal-21 ta' Diċembru, 2022 għallum għad-deċizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet.**

7. Opportun qabel xejn jiġi deċiż jekk id-digriet tal-15 ta' Diċembru, 2022 li minnu trid tappella s-soċjeta' konvenuta jistax isir appell

minnu f'dan l-istadju kif tirritejni s-soċjeta' konvenuta, jew inkella jekk hux wieħed minn dawk id-digrieti li ma hux possibbli li minnu jsir appell qabel is-sentenza definittiva, kif tirritjeni l-attriċi nomine.

8. Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru, 2022 li minnha s-soċjeta' qed titlob li tingħata permess speċjali tappella hu digriet interlokutorju u mhux sentenza parzjali. Kif inhu magħruf, id-distinzjoni prinċipali bejn sentenza parzjali u digriet interlokutorju hi illi minn ta' l-ewwel il-Qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza parzjali ma tistax titbiegħed minnha. Mhux l-istess fil-każ ta' digriet interlokutorju. Digriet interlokutorju ma jagħmilx ġudikat għall-qorti li tkun tatu tant li hi mogħtija s-setgħa li *contrario imperio* tirrevokah jew temendah jekk tqis li hemm raġuni tajba sabiex titbiegħed minnu. (**Art. 230 Kap. 12**).

9. Il-kuntrast ta' bejn il-partijiet jikkonsisti fis-segwenti: is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li dak id-digriet jaqa taħt is-sub inċiż numru 3 tal-artikolu 229 tal-Kap 12 u li allura jista' jsir appell minnu pendenti l-eżitu finali tal-kawża salv li jingħata permess speċjali mill-Qorti; filwaqt li l-attriċi nomine tikkontendi illi l-imsemmi digriet jaqa' taħt is-sub inċiż numru 1 tal-artikolu 229 tal-Kap. 12 u allura appell minnu ma hux konsentit mil-liġi qabel is-sentenza definittiva.

**Appell *Pendente Lite* minn Digrieti Interlokutorji**.

10. Appelli minn digrieti pendenti l-eżitu finali tal-kawża huma regolati bl-**artikolu 229 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta intitolat "Appelli minn digrieti". Minn dan l-artiokolu joħroġ illi fejn jikkonċerna appelli minnhom huma maqsumin fi tlett kategoriji, kull kategorija trattata b'mod divers miż-żewġ kategoriji l-oħra.

11. Fl-ewwel kategorija jaqgħu dawk li jinstabu elenkati fis-sub inċiż numru 1 li minnhom assolutament ma jistax isir appell qabel is-

sentenza definittiva u flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva; fit-tieni kategorija jaqgħu dawk elenkati fis-sub inċiż numru 2 u li minnhom jista' jsir appell is-sentenza definittiva mingħajr il-ħtieġa ta' permess preventiv mill-!orti; u fit-tielet kategorija jaqgħu dawk id-digrieti interlokutorji l-oħra kollha mhux speċifikati fiż-żewġ sub inċiżi ta' qabel, fejn għalkemm appell minnhom jista' jsir qabel is-sentenza definittiva l-appell ma jistax jiġi intavolat jekk qabel xejn il-parti li trid tappella ma tkunx ottjeniet "permess speċjali" mill-Qorti li tkun ippronunzjat id-digriet impunjat.

12. Minn eżami tal-artikolu 229 joħroġ ċar illi meta dan l-artikolu ġie sostitwit fis-sena 1995 l-iskop tal-Leġislatur kien illi jnaqqas safejn possibbli n-numru ta' appelli ta' din ix-xorta. Per konsegwenza iċ-ċirkostanzi meta hemm dritt ta' appell mingħajr ħtieġa ta' permess mill-qorti huwa miżmum fil-minimu possibbli għal dawk il-każijiet fejn jekk appell mid-digriet jitħalla għal wara s-sentenza definittiva ma jkun fadal l-ebda utilita' għal tali appell.

13. Għalhekk f'kull talba għall-permess speċjali ta' din ix-xorta jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tiddeċiedi taħt liema kategorija mit-tlieta fuq elenkati jaqa' d-digriet li minnu l-parti titlob il-permess sabiex tappella. Anke għaliex ikun inutili li l-Qorti tikkonsidra jekk jeżistux l-estremi għall-permess mitlub qabel ma tikkonsidra jekk tali digriet hux appellabbli, u jekk fl-affermattiv hemmx ħtieġa tal-permess tal-Qorti.

14. Kif rajna s-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi d-digriet impunjat jaqa' taħt is-sub inċiż 3 tal-artikolu 229 u huwa appellabbli bil-permess tal-Qorti. Mill-banda l-oħra l-attriċi nomine tikkontendi illi mhux minnu li dan id-digriet huwa regolat bis-sub inċiż 3 iżda li huwa regolat bis-sub inċiż numru 1 (j) u allura mhux appellabbli, lanqas bil-permess tal-qorti.

15. Permezz tad-digriet tal-15 ta' Diċembru, 2022 il-Qorti ċaħdet is-segwenti talbiet tas-soċjeta' konvenuta li kienet resqet b'rikors tas-

27 ta' Settembru, 2022: (i) tiddikjara inammissibbli x-xhieda ġuramentata ġia mogħtija tal-attur Mohammad Imad Raouf (ii) tiddikjara inammissbbli kwalunkwe dokumentazzjoni preżentata minnu f'dawn il-proċeduri; (iii) tordna l-isfilz mill-atti proċesswali tax-xhieda kollha tal-attur Mohammed Imad Raouf sew it-testimonjanza tiegħu kif ukoll il-provi dokumentarji minnu ppreżentati; (iv) tordna l-isfilz mill-atti ta' kwalsiasi referenza għax-xhieda tal-attur Mohamed Imad Raouf.

16. Mill-**Artikolu 229 sub-inċiż 1** jipprovdi fost l-oħrajn illi ma humiex appellabbli qabel is-sentenza definittiva: (j) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża; (k) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu; (l) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għal konċessjoni speċjali sabiex ikun jista' jsir appell skont is-subartikolu (5).

17. Dan ifisser illi skond is-sub artikolu (1) (j) digriet li jiċħad talba għall-isfilz ta' dokument mill-atti ta' kawża ma hux appellabbli qabel is-sentenza definittiva.

18. Pero' t-talba tas-soċjeta' konvenuta ma kentix unikament sabiex jiġu sfilzati dokumenti. Huwa minnu li parti mid-digriet impunjat jirreferi għaċ-ċaħda tat-talba għall-isfilz ta' dokumenti. Iżda kif rajna t-talba miċħuda ma kenitx sempliċement għall-isfilz ta' dokument iżda wkoll talba sabiex ix-xhieda tal-attur, illum defunt, tiġi dikjarata inammissibbli. Il-Qorti tqis illi tali talba u l-konsegwenti ċaħda ma taqax taħt is-sub inċiż (1) (j) tal-artikolu 229.

19. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Raymond Vassallo vs. Avukat tal-Istat et.** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta'

Diċembru, 2021 dwar appell qabel is-sentenza definittiva minn digriet li ċaħad talba ta' l-attur għall-dikjarazzjoni ta' kontumaċja tal-kjamat in kawża u għall-isfilz tar-risposta tal-kjamata in kawża. F'dik l-okkażżjoni l-Ewwel Qorit kienet tat il-permess speċjali sabiex isir appell qabel is-sentenza definittiva. Il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi dak l-episodju ma kienx jirrigwardja sempliċement talba għal sfilz ta' dokument iżda kien qed jitratta primarjament talba għal dikjarazzjoni ta' kontumaċja, bit-talba għall-isfilz tar-risposta bħala waħda konsegwenzjali. Qalet hekk fir-rigward: "L-isfilz tar-risposta preżentata mill-kjamati in kawżi in kwistjoni huwa sempliċiment konsegwenti għad-dikjarazzjoni ta' kontumaċja tal-kjamati in kawża."

20. Bl-istess mod fil-kawża odjerna, hawn non si tratta sempliċement ta' ċaħda ta' talba għall-isfilz mill-atti ta' dokument iżda ċ-ċaħda ta' talba għal **dikjarazzjoni li xhieda mogħtija minn attur saret inammissibbli wara l-mewt** tiegħu peress li ma ġiex kondott il-kontro-eżami.

21. Il-Qorti għalhekk tqis illi huwa applikabbli s-sub inċiż 3 u mhux is-sub inċiż numru 1 tal-artikolu 229.

22. **Is-sub inċiż 3 tal-artikolu 229** li jipprovdi:

> 3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza

definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell

23. L-użu tal-kelma "tista'" fis-sub inċiż appena ċitat jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti jekk tagħtix permess li jsir appell qabel is-sentenza definittiva. Il-liġi ma tipprovdi l-ebda ċirkostanza partikolari meta tali permess jista' jingħata. Fl-istess ħin għalkemm hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tagħtix tali permess jew le, l-istess artikolu jipprovddi illi l-Qorti għandha tikkunsidra x'inhu **l-aħjar** u x'inhu **ġust.**

24. Fl-eżerċizju sabiex tiddeċiedi jekk tagħtix jew le l-permess speċjali mitlub huwa miżmum illi l-Qorti m'għandiex tagħmilha hi ta' Qorti tal-Appell jew li terġa tqis fil-mertu l-konsiderazzjonijiet li hija tkun għamlet meta tat id-deċiżżjoni tagħha impunjata. (**Ronald Micallef et. vs. SUBWAY (MALTA) LIMITED** - Prim' Awla - 9 ta' Jannar, 2002).

25. Ir-raġunijiet mogħtija mis-soċjeta' konvenuta fir-rikors tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2022 li jirreferu għall-mertu tat-talba tagħha għall-isfilz tax-xhieda tal-attur huma irrilevanti għall-mertu tar-rikors li issa għandha quddiemha l-Qorti.

26. L-unika konsiderazzjoni li għandha tagħmel il-Qorti huwa jekk hux aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell f'dan l-istadju jew inkella hux aħjar u ġust li l-appell isir, jekk ikun il-każ, mas-sentenza definittiva.

27. F'dan ir-rigward is-soċjeta' konvenuta tissottometti illi "it-testimonjanza u d-dokumenti ppreżentati mill-attur Mohammed (recte. Mohammad) Imad Raouf huma provi rilevanti fil-proċeduri odjerni, it-tħollija tagħhom fl-atti proċesswali mingħajr ma s-soċjeta' esponenti tħalliet tikkontestahom kif trid il-liġi permezz

tad-dritt tal-kontro eżami tista' timpinġi fuq l-eżitu tal-proċeduri u s-sentenza finali, u għalhekk ikun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li din il-kwistjoni tiġi trattata u deċiża b'mod definit qabel ma tingħata s-sentenza definittiva..." Tissottometti wkoll is-soċjeta' konvenuta illi jekk ix-xhieda tal-attur illum defunt u d-dokumenti minnu ppreżentati ma jiġux sfilzati f'dan l-istadju ser iseħħ ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq tas-soċjeta' konvenuta.

28. Il-Qorti għalhekk trid tara jekk huwiex aħjar u ġust li appell mid-digriet impunjat isir issa u mhux jistenna l-għoti tas-sentenza definittiva, jekk ikun il-każ. It-testimonjanza u l-provi dokumentarji li s-soċjeta' konvenuta talbet li jiġu sfilzati ma humiex xi xhieda periferali jew sekondarja imma jikkostitwixxu l-evidenza prinċipali tal-azzjoni attriċi. Jekk appell mid-digriet isir wara s-sentenza definittiva jekk ikun il-każ, ikun hemm il-possiblita', remota jew le hi kwistjoni immaterjali għal dan l-eżerċizzju, li l-prova kardinali titneħħa mill-proċess u jkollu jibda kollox mill-ġdid sabiex ma jintilifx il-benefiċju tad-*doppio esame.*

29. Fil-fehma tal-Qorti jkun aħjar u ġust illi dan l-episodju jiġi konkluż f'dan l-istadju tal-kawża anke għaliex jinċidi direttament dwar il-provi li s-soċjeta' konvenuta għad trid tressaq f'dawn il-proċeduri.

**Decide.**

1. Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' r-rikors tas-soċjeta' konvenuta tal-21 ta' Diċembru, 2022 u bis-saħħa tal-Artiklolu 229 (3) tal-Kap. 12 tagħti l-permess speċjali mitlub sabiex is-soċjeta' konvenuta tappella mid-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru, 2022;

2. Ai termini tal-Artikolu 229 (6) tal-Kap. 12 tagħti lis-soċjeta' konvenuta sitt ijiem millum sabiex tintavola l-appell tagħha.

3. Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju riżervati għas-sentenza finali.

**Moqri fis-seduta tallum is-7 ta' Frar, 2023.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**